**6 ta' Diċembru, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

***versus***

Carmel Ellul

**Traffiku — Liċenza tas-Sewqan — Sospensjoni — Talba tal-Kummissarju tal-Pulizija — Art. 17(2) tal-Kap. 105 — Art. 69 tal-Kap. 13 — Art. 6 tal-Art. XXVI tal-1956.**

*Il-Liġi dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 105) hija liġi speċjali, li teżiġi t-talba tal-Kummissarju tal-Pulizija, biex il-Qorti tkun tista' tapplika l-piena tas-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan ta' driver li jikser ir-regolamenti maħruġin bis-saħħa ta' dik il-Liġi.*

*Il-poter li għandu l-Kummissarju tal-Pulizija skond il-Liġijiet tal-Pulizija, li jordna s-sospensjoni tal-liċenzi, ma japplikax għall-każ fejn isiru proċeduri kriminali kontra d-driver; għax il-fatt li saru proċeduri kriminali huwa inkompatibbli mal-eżerċizzju ta' dak il-poter.*

*L-emendi, mbagħad, li saru bl-Att XXVI tal-1956 għall-imsemmija Liġi tat-Traffiku, ma biddlu xejn il-kwistjoni; b'dawk l-emendi l-kwistjoni baqgħet l-istess, għax anki f'dawk l-emendi hemm il-kliem "fuq talba tal-Prosekuzzjoni"; u hu biss fil-każ ta' "reckless" jew "dangerous driving", jew "dangerous driving", jew ta' sewqan fi stat ta' sakra jew drogi, li l-liġi ma teżġix f'dawk l-emendi t-talba tal-Prosekuzzjoni; u dan il-formalità tat-talba tal-Prosekuzzjoni ma hix rekwiżit li jista' jiġi mpunement traskurat.*

*Tista' tqum il-kwistjoni jekk il-Qorti għandhiex dan il-poter li tordna din is-sospensjoni mingħajr it-talba tal-Prosekuzzjoni bis-saħħa tal-art. 31 tal-Kodiċi Kriminali kif emendat bl-art. 6 tal-Att XXVI tal-1956, li, fil-waqt li jitħaddet fuq warrants, liċenzi, permessi, u awtoritajiet in ġenerali, jagħti lill-Qorti dan il-poter bla ma jeżiġi din it-talba; imma hu komunement aċċettat illi l-liġi ġenerali ma tidderogax għall-liġi speċjali, ammenokkè ma tkunx dwar xi ħaġa li l-liġi*

*ġenerali ma tkunx qalet xort'oħra. Imma l-materja tas-sospensjoni tal-liċenzi ma hix affattu materja ommessa fil-liġi speċjali, imma tinsab espressament kontemplata b'dispożizzjonijiet speċifiċi.*

*Għaldaqstant, f'każ ta' ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku, il-Qorti ma għandhiex tordna s-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan jekk ma jkunx hemm talba għal hekk mill-Prosekuzzjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Carmel Ellul quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli fit-12 ta' Novembru 1957, f'xi s-6.30 a.m., waqt li kien qiegħed isuq it-truck numru 5966 minn Mater Boni Consilii Street, Żejtun, minħabba f'nuqqas ta' għaqal u ta' ħila, traskuraġni, u għax ma osservax ir-regolamenti, ħabat ma' motor-cycle nru. 20588, u għamillu ħsara għad-dannu ta' Joseph Attard; u iżjed, għamel feriti ta' natura gravi minħabba fid-dewmien, u wkoll minħabba sfreġju, skond ma ċċertifika Dr. C. Attard, M.D.;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Awissu 1958, li biha sabet lil Carmelo Ellul ħati skond l-imputazzjoni, u kkundannatu għal £10 multa u ordnat s-sospensjoni tal-liċenzi tiegħu tas-sewqan għal żmien tliet xhur;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-Maġistrat sab lill-imputat ħati ta' sewqan negliġenti in bażi għal tliet infrazzjonijiet, ċjoè (a) speed eċċessiv, (b) nuqqas ta' daqq tal-horn, (ċ) u li ma kienx iżomm mas-side tiegħu;

Il-fatti kienu dawn. Fil-ġurnata u l-ħin indikati fiċ-ċitazzjoni, l-appellant kien qiegħed isuq truck, u minn naħa

tal-Għassa, mnejn kien telaq, kien sejjer matul Mater Boni Consilii Street, iż-Żejtun, lejn, kif jissejjaħ, ir-raħal ta' fuq, għad-direzzjoni ta' Bir id-Deheb. Meta wasal ftit passi bogħod mill-bieb prinċipali tal-knisja omonima, tfaċċa mid-direzzjoni kuntrarja motor-cycle, misjuq minn ċertu Joseph Attard, u saret il-kolliżjoni. Il-motor-cycle inqaleb u ġie danneġġjat, u Attard, li kien fuqu, tgerbeb mal-art u ġie ferut gravement;

Il-lokalità hi ndikata tajjeb fl-iskizz li jakkompanja r-relazzjoni peritali fol. 32;

Din il-Qorti taqbel mal-perit, nominat minnha f'din l-istanza, li l-appellant kien fit-tort meta ma żammx aktar lejh......;

*Omissis;*

Din il-Qorti, għalhekk, taqbel mal-Ewwel Qorti li l-imputat żamm għan-nofs tat-trieq, kien qiegħed isuq bi speed eċċessiv, u naqas li jdoqq il-horn;

Verament, in-negliġenza li kienet kawża prossima tal-kolliżjoni (weħedha jew ma' xi kawża kontributorja) kienet aktarx dik tal-appellant li ma żammx għan-nofs it-trieq; għaliex, kieku żamm fuq l-"extreme left", il-kolliżjoni ma kienetx tiġri non ostante li speed eċċessiv u n-nuqqas tad-daqq tal-horn;

Ikkunsidrat;

Id-difiża osservat li t-tort tal-kolliżjoni kien tad-driver tal-motor-cycle, għaliex dan kien "side road user", u ħareġ f'daqqa fil-"main road" bla ma esploraha;

Din il-Qorti mhix ta' fehma li jista' jingħad b'daqshekk li Attard kien il-kawża tal-kolliżjoni. Jista' jkun illi, in sede ċivili, ikun hemm lok għall-istudju tal-pont jekk Attard ikkontribwixxiex għall-kolliżjoni; u infatti l-perit osserva li, peress li Attard kien ġej minn spazju apert (fejn proprjament ma hemmx side x'wieħed josserva), u kien dieħel għal ġewwa trieq dejqa, kien ikun wisq aħjar,

taħt iċ-ċirkustanzi, li hu jsegwi rotta iżjed għall-wisgħa, vwoldiri jieħu "a wider sweep", b'manjiera tali li jkabbar il-viżwali tiegħu u jesplora sewwa l-"main road" qabel ma jiġbed għall-kantuniera jew għall-angolu tal-bankina fuq ix-xellug tiegħu. Il-perit irrileva, bir-raġun, li, kieku Attard għamel hekk, tant l-appellant kemm Attard kienu jilħqu jaraw lil xulxin a tempo, u l-kolliżjoni talvolta kienet tiġi evitata, jew kienu jiġu menomati l-konsegwenzi tagħha. Kompla jgħid il-perit, li dan kien spazju apert fejn ma hux suppost li wieħed iħoqq ma'-ħajt tax-xellug. Il-perit irrileva wkoll li Attard kien għadu kemm ħa l-liċenza tas-sewqan xi ħmistax il-ġurnata qabel (għalkemm kellu liċenza tal-militar qabel), u l-motor-cycle kien akkwistah biss xi xahar qabel, u li għalhekk l-esperjenza tiegħu set-għet kienet ftit u xejn skarsa. Iżda in sede kriminali ma hijiex biżżejjed in-negliġenza kontributorja tal-parti l-oħra, jekk l-imputat stess naqas (kif naqas f'dan il-każ) minn xi ħaġa li anki hi kkontribwiet biex iġġib il-kolliżjoni;

Għalhekk, fil-meritu, u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti taqbel mal-ewwel waħda;

Ikkunsidrat;

Fir-rikors tal-appell, u fit-trattazzjoni, id-difiża osservat li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tapplika l-piena tas-sospensjoni tal-liċenza, għaliex din ma ġietx mitluba mill-Pulizija;

Ikkunsidrat, dwar dan il-pont;

Ma hemmx dubju li l-liġi "speċjali" in materja hi l-Kap. 105 Ediz. Riv., li fl-art. 17(2) teżiġi t-talba tal-Kummissarju tal-Pulizija biex jista' jkun hemm lok għall-piena tas-sospensjoni tal-liċenza;

L-art. 79 tal-Kap. 13 ma jidħolx f'dan il-każ; għaliex dak jirriferixxi għall-poteri tal-Kummissarju tal-Pulizija, u mhux tal-Qorti; u l-fatt li f'dan il-każ saru proċeduri kriminali ma hux kompatibbli mal-eżerċizzju ta' dak il-poter, kif jidher mill-proviso tal-istess artikolu;

Il-Prosekuzzjoni ċċitat l-emendi li saru għall-liġi speċjali bl-Att XXVI tal-1956; iżda din il-Qorti tirrileva li, tant fl-emenda tal-art. 14, kemm f'dik tal-art. 17 tal-liġi speċjali prinċipali (li huma rilevanti għall-każ), hemm il-kliem "fuq talba tal-Prosekuzzjoni"; u kwindi l-kwistjoni tibqa' l-istess. Hu biss fil-każ ta' "reckless" jew "dangerous driving", jew ta' sewqan fi stat ta' sakra jew drogi, li l-liġi ma teżiġix, f'dawn l-emendi, it-talba tal-Prosekuzzjoni;

Ma hemmx bżonn jiġi osservat illi l-formalità tat-talba tal-Prosekuzzjoni ma hix rekwiżit li jista' jiġi impunement trażandat. Ġie deċiż, infatti, f'dan is-sens, f'materja analoga:— "Trattandosi di leggi di procedura, che hanno per oggetto l'ordine pubblico mediante un convenzionalismo di forma, non si deve ragionevolmente ammettere altra interpretazione che 'la letterale'; nel senso che, ove la legge, per produrre certi effetti, prescrive una certa forma, questa si debba osservare 'alla lettera', e non 'per equipollens'" (Kollez. Vol. XVIII-I-19);

Il-Prosekuzzjoni ċċitat ukoll l-art. 31 tal-Kodiċi Kriminali, kif emendat bl-art. 6 tal-Att V tal-1956. Dan jittratta fuq warrants, liċenzi, permessi, u awtoritajiet in ġenerali u jagħti lill-Qorti l-poter tas-sospensjoni, bla ma jeżiġi t-talba tal-Prosekuzzjoni; għalhekk hekk tqum il-kwistjoni jekk is-sospensjoni setgħetx saret taħt dak l-artikolu 31 tal-Kodiċi Kriminali;

Issa, apparti li l-Maġistrat fis-sentenza tiegħu ma ċċitax dan l-artikolu (u ma ċċita ebda ieħor dwar is-sospensjoni tal-liċenza minnu irrogata), hu fatt li din tal-art. 31 hi liġi "ġenerali", li tikkontempla l-liċenzi, permessi eċċ. in ġenerali, mentri l-Kap. 105 hu liġi "speċjali", ċjoè l-Liġi tat-Traffiku;

Issa, hu "communiter receptum" illi l-liġi ġenerali ma tidderogax għal li speċjali, ammenokkè ma tkunx dwar xi ħaġa li l-liġi speċjali ma tikkontemplax, jew ammenokkè l-liġi ġenerali ma tkunx qalet xort'oħra. "In toto jure generi per speciem derogatur". Jgħid ir-Ricci, Corso Dto. Civ., Vol. I, p. 35:— "La legge generale non si estende ai

casi che hanno regola da una disposizione speciale, in quanto che la specie deroga sempre al genere". U l-ġurisprudenza qalet ukoll:— "Quando uno speciale istituto di diritto viene dal legislatore ordinato con norme speciali e determinate, non è lecito di ricorrere alle disposizioni del diritto comune, se non quando le norme speciali fanno difetto, o non regolano l'intera materia" (para. 129 Rep. Fadda, art. 3). U ntqal ukoll:— "Quando esistono leggi speciali che regolano una data materia, queste, e non altre, debbono essere applicate; nè è lecito ricorrere alle leggi generali, anche se queste contenessero disposizioni diverse da quelle, ed anche contrarie" (para. 131 ibidem). Ara wkoll fl-istess sens para. 130 ibidem;

Issa, f'dan il-każ, il-materja tas-sospensjoni tal-liċenzi ma hijiex affattu materja ommessa fil-liġi speċjali, imma tinsab espressament kontemplata b'dispożizzjonijiet speċifiċi. U mhux talli fil-liġi ġenerali ma hemm ebda forma ta' abrogazzjoni tal-liġi speċjali, jew ta' eċċezzjoni għaliha, imma anzi, fil-bidu tagħha, jingħad:— "Without prejudice to the provisions of any other law imposing or authorising the suspension or cancellation of, or disqualification for holding or obtaining any warrant, licence, etc.", kliem li juru li anzi l-liġi speċjali ġiet espressament salvagwardata;

Għalhekk jidher li f'dan il-każ kellu jkun hemm, skond il-liġi, it-talba għas-sospensjoni, li ma jirriżultax li kien hemm;

Del resto, il-"praxis curiae", kif jidher ta' kulljum mill-kawżi numerużi ta' dan il-ġeneru, hi f'dan is-sens, għaliex ikun hemm dejjem fiċ-ċitazzjoni t-talba tal-Prosekuzzjoni;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tikkonferma s-sentenza appellata, ħlief kwantu għall-piena tas-sospensjoni tal-liċenza, li, stante r-raġunijiet fuq imsemmijin, hi mneħħija. Il-multa tista' titħallas żmien sitt ijiem mil-lum.